MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 841/2003

Reuben Galea
vs
Publius Zammit

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors ta' Publius Zammit li bih espona:

Illi ricentement certu Jesmond Vella ta' Flat 1, "Morning Dawn", Triq il-Gifen San Pawl il-Bahar kien mar jipprotesta mieghu ghaliex wiehed minn zewg muturi li huwa kien xtara flimkien ma' dghajsa minghand ir-rikorrent kien inqabad b'dan il-mandat tal-Qorti waqt li dan kien qieghed ghal xi xoghol fuqu ghand il-kumpanija Ripard Larvin Ripard. Dan Jesmond Vella kien jaqla' hobzu mill-uzu tad-dghajsa (u l-muturi) u ghalhekk kien qed isofri danni sostanzjali, u kien qed izomm lir-rikorrent responsabbli ghad-danni kollha li huwa kien diga' beda

jsofri u li kien ghad irid isofri kemm idum mizmum dan il-mutur.

Illi r-rikorrent qatt ma kien gie notifikat b'ebda mandat jew kawza, izda kien indaga u kien sar jaf li fit-8 ta' Awissu 2003 kien sar dan is-sekwestru, oltre citazzjoni.

Illi r-rikorrent kien biegh id-dghajsa bil-muturi b'kollox in kwistjoni lil dan Jesmond Vella hafna qabel kien sar dan is-sekwestru (ara kopja ta' kuntratt privat, dokument P1), liema bejgh kien gie anke registrat mal-Awtorita` Marittima ta' Malta fl-14 ta' Lulju 2003 (ara kopja tar-registrazzjoni, dokumenti P2 u P3).

Illi ghalkemm id-dghajsa in kwistjoni fil-fatt ma kenitx ghand il-kumpanija sekwestratarja, minghajr il-mutur b'dan il-qbid din id-dghajsa xorta ma kenitx tista' taqdi l-funzjoni li ghaliha kien xtraha Jesmond Vella, u ghal dan ix-xerrej kien qed izomm lir-rikorrent responsabbli ghad-danni konsegwenzjali.

Illi ghalhekk dan is-sekwestru kien inhareg b'mod irregolari, u fic-cirkostanzi ma kienx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh, u anqas kien gustifikabbli.

Illi aktar minn hekk kienet saret referenza ghall-Artikolu 836(1)(8) u kien gie dikjarat li s-sekwestrant ma kienx talab il-hlas tad-dejn kif kien hemm indikat f'paragrafu (b), u l-mandat kien frivolu u vessatorju ai termini ta' paragrafu (d); u ghalhekk ai termini ta' l-istess Artikolu 836(1)(8) din il-Qorti kienet qed tintalab tikkundanna lill-istess Sekwestrant ihallas penali ta' mhux inqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira.

Illi minhabba d-danni sofferti mit-terz, kien ikun gust u ekwu li dan ir-rikors jigi trattat b'urgenza sabiex jigu minimizzati d-danni.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tittratta dan ir-rikors b'urgenza ai termini ta' l-Artiklu 836(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Thassar u tirrevoka in toto dan il-mandat ta' sekwestru numru 1305/03 fl-ismijiet Reuben Galea vs Publius Zammit bin Publius ai termini ta' Artikolu 836 subinciz (1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu la hu ragjonevoli u anqas gustifikabbli dan il-mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh.

3. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghat-talbiet hawn fuq indikati, f'kaz li ma jinharigx il-kontro mandat, tordna lis-sekwestrant biex ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(8) tal-Kap 12 ihallas lir-rikorrent penali ta' bejn hames mitt lira u tlett elef lira.

4. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghat-talbiet hawn fuq maghmula, tordna lis-sekwestrant sabiex ai termini ta' Artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien stabbilit minn din il-Qorti, iqieghed garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali li tista' tigi imposta, u ta' danni u imghax, u, fin-nuqqas li tnehhi l-att kawtelatorju.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Reuben Galea li biha espona:

1. Illi l-mandat ta' Sekwestru in kwistjoni kien jirreferi ghall-akkwist ta' dghajsa u mutur minn Reuben Galea.

2. Illi kif kien jidher fl-atti tac-citazzjoni li kienet giet prezentata flimkien ma' dan il-mandat (Cit. Nru. 371/03CFS fl-istess ismijiet) Reuben Galea kien qed jilmenta li Publius Zammit kien ghamel ingann fil-konfront tieghu.

3. Infatti l-hlas ghad-dghajsa u l-muturi kien sar minn Reuben Galea permezz ta' cekkijiet li kienu ser jigu esebiti.

4. Minhabba l-fatt li Reuben Galea ma kienx seta' jidher b'mod ufficjali bhala sid id-dghajsa u l-muturi kien ftiehem ma' Publius Zammit li dawn jigu registrati fuqu izda sidhom kien baqa' Reuben Galea.

5. Huwa ghalhekk li kien sar il-mandat.

6. Ghalhekk l-intimat talab lil din il-Qorti joghgobha tichad it-talba maghmula mir-rikorrent fl-atti ta' dawn il-proceduri u dana bl-ispejjez kontrieh.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Illi fit-23 ta' Frar, 2005, fol 20, Dr. Leslie Cuschieri ghar-rikorrent Publius Zammit iddikjara li b'referenza ghat-talba tar-revoka tal-mandat il-Qorti tista' thalli d-decizjoni ghal mal-gudizzju finali tal-kawza Citazzjoni Numru 371/03FS.

Illi ghalhekk il-provi li hemm fil-kaz in ezami huma dawk li jirrizultaw fil-process 371/03FS fl-ismijiet Reuben Galea vs Publius Zammit.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi llum stess din il-Qorti tat id-decizjoni taghha fil-process 371/03FS fejn ikkonkludiet li hija dovuta mill-konvenut lill-attur is-somma ta' Lm3600. Jigi osservat li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li kien hareg kien ghall-ammont ta' Lm10,600. Ghall-motivi msemmija fil-kawza 371/03FS li l-Qorti mhux sejra toqghod tirrepeti, il-Qorti qed tillimita l-imsmemi mandat ta' sekwestru 1305/03 ghall-ammont ta' Lm3600.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Riferibbilment ghat-talba sabiex ikun hemm hlas ta' penali fil-fehma tal-Qorti din mhux gustifikata stante li kien gustifikat li jinhareg il-mandat ghall-ammont ta' Lm3600 u ghalhekk din it-talba qed tigi michuda.

Riferibbilment ghat-talba tal-garanzija xierqa din m'ghadhiex aktar applikabbli f'dan l-istadju.

Spejjez tal-prezenti procedura bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------